TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Frances Ellul

vs

X-Treme Technologies

CCT G9/17/MS

16 ta' Marzu 2018

It-Tribunal,

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Settembru 2017 fejn talbet li l-azjenda intimata tirrifondilha s-somma ta' €815.00 wara xiri ta' magna ta' hasil, liema magna allegatment ma kenitx qed tiffunzjona sew.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata tat-30 ta' Novembru 2017, fejn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti gew ikkontestati u fejn cahdu li l-magna tal-hasil setghet kellha xi difetti u jekk kien hemm xi nuqqas dana kien dovut ghal operazzjoni hazina da parte tal-istess rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f' Lulju 2014, ir-rikorrentii xtrat minghand l-azjenda konvenuta magna tal-hasil tad-ditta Balay ghall-prezz ta' €789.00 b'garanzija ta' seba' snin. Dina giet konsenjata u installata. Wara xi zmien, ir-rikorrenti bdiet tilmenta li l-magna kienet ddum nofs siegha aktar milli suppost biex tikkompleta ciklu ta' hasil. Ilmentat ukoll li l-vit tal-ilma kien qed iqattar l-ilma. Ir-rikorrenti marret kemm - il darba fil-hanut tal-azjenda intimata biex tiehu sodisfazzjon, izda skond hi, bdew jghajtu maghha sakemm bezeght tmur aktar ghandhom. Minkejja illi l-azjenda intimata baghtu diversi teknici, inkluz l-istess propjetarju Silvio Buttigieg, biex jezaminaw din il-magna, dawn ma setghu jaraw l-ebda diffett fil-funzjoni tal-magna u qalu lic-ciklu ma kienx wiehed fiss, izda kien jiddependi minn hafna cirkostanzi u fatturi li setghu jtawwlu jew inaqqsu c-ciklu indikat. Fil-fatt fil-

kopja tal-manual taht it-titolu 'Consumption Values', hemm paragrafu fejn jaghmel rizerva dwar il-hinijiet indikati. Dana ighid " the values deviate from the indicated values depending on water pressure, hardness, and inlet temperature, ambiant temperature, type, amount and soiling of the laundty, detergent used, fluctuations in the power supply and selected additional functions.' (Dok SB).

Ikkunsidra

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba, jidher li l-unika ilment tar-rikorrenti huwa illi l-magna kienet tiehu kwarta aktar mil-hin indikat biex tikkompleti l-hasla. Ma gabet l-ebda prova illi dan kien dovut ghal xi nuqqas mekkaniku jew elettroniku fil-funzjoni tal-magna. Ir-rizerva fuq indikata hija prova bizzejjed sabiex turi li ciklu ta' hasil ma jkunx dejjem l-istess, izda jvarja bejn wiehed u iehor, skond id-diversi cirkostanzi li jistghu jaffetwaw il-hasla. Dan mhuwiex diffett fil-magna izda nuqqas ta' apprezzament da parti tar-rikorrenti ta' kif jahdmu d-diversi funzjonijiet tal-magna. il-kwistjoni tal-vit li jqattar mhuwiex responsabbilta' tal-azjenda intimata izda tal-istess rikorrenti li ghandha tassikura li s-supply tal-ilma ghal washing machine ma jkunx fih xi haga li jnaqqas d-dhul tieghu fil-magna. Din is-sitwazzjoni tpoggi l-kreddibilita' nettament fuq hogor l-azjenda intimata, illi tidher illi ghamlet minn kollox biex tissodisfa l-ilment tar-rikorrenti u anke l-propjetarju Silvio Buttigieg, li mar personalment ghandha d-dar, sabiex jfiehmha kif ghandha tuza l-magna u ghaliex dan ma kienx fih l-ebda diffett.

Di piu, it-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti qieghda titob l-ammont ta' €815.00, mentri skond id-dokumenti ezebiti minnha stess, il-washing machine inxtrat bl-ammont ta' €789.00

Jibqa l-fatt pero illi ll-kwistjoni principali kontra r-rikorrenti hija n-nuqqas ta' provi anke fil-grad ta' probabbilta' illi l-washing machine kienet diffettuza. Min-naha l-ohra, l-azjenda intimata uriet bil-provi u dokumenti ezebiti minnha li l-washing machine ma kellha xejn hazin, u l-problema kienet li r-rikorrenti ma fehemitx sew kif thaddem u tahdem tal-magna.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad t-talba tar-rikorrenti. Bl-ispjjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru